MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 02/09

L-Erbgħa 10 ta' Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Micallef – Kunsilliera
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

2.2 Komunikazzjoni mis-Sindku;

2.3 Tqassim ta' responsabilitajiet lil kull kunsillier;

2.4 Is-Sitwazzjoni tal-Binja tal-Kunsill Lokali;

2.5 Jum il-Gudja 2024;

2.6 L-Iskema tal-Parkeġġ għar-Residenti fil-lokalita;

2.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

2.8 Rapporti;

2.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
- a. Ġnien Raymond Caruana – progress
- b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
- c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
- d. Proġett tal-Pjazza – progress
- e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
- f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika - progress

2.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

2.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Romeo Baldacchino ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u għaxra ta` filgħaxija (5:10pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 02.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**02.1** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 01/9 nem con.

**02.2 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

02.2.1 Is-Sindku nforma lil dawn preżenti dwar ix-xogħlijiet li kellhom jinbdew fi Ġnien Raymond Caruana. Is-Sindku żied jgħid li tkellem mall-Perit tal-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex ix-xogħlijiet jinbdew wara x-xhur tas-Sajf. Ix-xogħol ser jkun qed jibda għall-Ottubru 2024. Is-Sindku żied jgħid ukoll li xogħol fil-latrina ser jkun qed jinbeda wkoll.

02.2.2 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti dwar il-problema tal-kiri tal-karozza li qed ikunu pparkjati fi Triq Pietro Cagliardi u jsir il-ħasil tal-karozzi. Il-Kunsill kiteb lill-pulizija u lil TM.

02.2.3 Is-Sindku propona sabiex fi Triq Bir Miftuħ, il-Kunsill japplika għal speed limit u għal speed guns għal fatt li qed ikun hemm sewqan aċċessiv f'din it-triq. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

02.2.4 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill kien ser jibbenifika mis-somma ta' €13,838 għal attivitajiet tal-Milied, liema fondi ser jingħataw mill-DLG.

02.2.5 Preżentata korrispondenza mibugħta mill-Għaqda Maria Assunta dwar l-iskema tal-parkeġġ matul iż-żmien tal-festa.

02.2.6 Preżentata korrispondenza li ntbgħatet mill-Onorevoli Glen Bedingfield dwar laqgħa li ser isir nhar it-24 ta' Lulju dwar il-knis fil-lokalita tal-Gudja.

02.2.7 Preżentata korrispondenza li ntbgħatet mill-Onorevoli Glen Bedingfield dwar laqgħa li ser isir ġewwa l-Gudja nhar it-8 ta' Awwissu 2024 fid-9.30am, fejn ser ikunu qed jżuru dawk iż-żoni li qed jintrema skart illegali u dan sabiex tiġi ndirizzata din il-problema.

02.2.8 Preżentata korrispondenza dwar talba biex isiru fitness classes fi Ġnien il-Qari fi 23 ta' Lulju 2024. Dwar dan ma kienx hemm oġezzjoni.

02.2.9 Riżoluzzjoni dwar il-firmatarji tal-kontijiet tal-bank, fejn Dr. Marija Sara Vella Gafa' m'għandhiex is-Sindku tal-Gudja (Login ID 372500). Għaldaqstant minflokk Dr. Vella Gafa' ser jiżdied user ġdid, is-Sindku tal-Gudja s-Sur Romeo Baldacchino (ID 506166M) li nħatar Sindku fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill li saret fit-02 ta' Lulju 2024, bħala firmatarju f'isem il-Kunsill Lokali tal-Gudja flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

02.2.10 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li huwa flimkien mall-Assistent Prinċipal attendew għal laqgħa mall-periti li qegħdin jieħdu ħsieb il-proġett tal-Barrani minn IM. Il-Kunsilliera rrimarkaw li ser jitneħħa kull aċċess biex ir-residenti jkunu jisgħtu jidħlu l-Gudja. Il-Kunsill qabel li jikteb lill-IM li bħala Kunsill ma jaqbilx kif ser jitneħħa id-dħul għal Gudja minn naħa

ta' Bulebel. Dan ifisser li l-aċċess li kien tneħħa temporanju ser jibqa' kif inhu u jitneħħa permanenti.

**02.3 Tqassim ta' responsabilitajiet lil kull kunsillier;**

02.3.1 Is-Sindku preżenta dekasteri lil kull kunsillier għal matul din il-leġislatura. Lista ta' dekasteri annessa ma' dawn il-Minuti. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex id-dekasteru tal-kultura, żgħażagħ u edukazzjoni talab sabiex jaqgħu taħt ir-responsabilita tiegħu peress li huwa intiz f'dawn l-oqsma. Dwar dan is-Sindku talab sabiex dan jiġi diskuss bejn iż-żewġ kunsilliera li għandhom dawn id-dekasteri u jintlaħaq ftehim bejniethom. Is-Sindku talab sabiex kull kunsillier jagħmel il-parti tiegħu fid-deskasteri fdati lilhom sabiex isir kemm jista' jkun ġid fil-komunita Gudjana.

**02.4 Is-Sitwazzjoni tal-Binja tal-Kunsill Lokali;**

02.4.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti dwar is-sitwazzjoni tal-Binja tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill attenda għas-seduta tal-qorti u ġie mitlub jqabbad avukat sabiex jirrispondi fi żmien 20 ġurnata. Is-seduta ġiet diferita għas-7 ta' Ottubru 2024. Il-Kunsill qabel li jqabbad avukat sabiex jirrispondi f'isem il-Kunsill Lokali tal-Gudja.

**02.5 Jum il-Gudja 2024;**

Is-Sindku propona sabiex din is-sena Ġieħ il-Gudja jingħata lill-Monsinjur Carmelo Zammit. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti. Is-Sindku qal li l-preparamenti għal dakinhar huma lesti u talab sabiex kull Kunsillier jattendi matul din l-attivita'. Il-Kunsilliera M Micallef infurmat lil dawk preżenti li minn naħa tagħha ser tkun qed tiċċekja mas-servizz ta' Silver T sabiex jingħata servizz lill-anzjani tal-HE sabiex jattendu għal attivita' ta' Jum il-Gudja.

**02.6 L-Iskema tal-Parkeġġ għar-Residenti fil-lokalita;**

Is-Sindku għamel referenza għall-iskema ta' parkeġġ fil-lokalita tal-Gudja. Is-Sindku qal li l-iskop rnexxa u qed ikun hemm parkeġġi vojta fit-toroq fejn qed titħaddem l-iskema. Il-Kunsillier S Caruana qal li l-skema ġiet ndirizzata lil min isiefer. Is-Sindku propona sabiex isir time parking ta' tnax – il siegħa biex b'hekk ma jkunx hemm problem għal min jiġi jżur il-lokalita. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**02.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

02.7.1 Il-Kunsilliera C Chetcuti tablet sabiex fuq l-istage bl-isem Bur Glat jizdied in-numru tar-rotta 226, fejn fil-preżent il-karozza tal-linja diġa tgħaddi minn hemm. Filfatt l-istage l-ieħor li jinsab f'din l-istess triq li jismu Bettina hemm inkluż ir-rotta numru 226.

02.7.2 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jinqata' l-ħaxix ta' Triq Victor Pasmore.

02.7.3 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex tinqata' l-oleander li hemm fejn il-Palazz fic-central strip ta' Dawret il-Gudja.

02.7.4 Il-Kunsllier S Caruana propona sabiex fi żmien il-festa ta' Santa Marija, il-Kunsill jagħmel laqgħa mall-każini. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

02.7.5 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill jaħseb fuq linji gwida minħabba l-applikazzjonijiet ta' personalized blue parking f' ħafna toroq li diġa hemm ħafna reserved parking.

02.7.6 Il-Kunsilliera M Micallef talbet sabiex il-bollard fi Triq Santa Marija ma sirx minħabba li hemm garaxx f' din l-istess triq li bilfors irid jagħmel użu minnha.

02.7.8 Il-Viċi Sindku A Dalli għadda diversi ilmenti u rapport lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġu ndirizzati.

**02.8 Rapporti;**

Ma kienx hemm.

**02.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress**
e. **Proġett tal-Pjazza – progress**

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-planters u l-bankijiet kellhom jaslu sal-aħħar ta' dan ix-xahar. Rigward il-bollard ta' Triq iż-Żebbuġa, is-Sindku nforma lil dawk preżenti li din ser tkun qed titneħħa wara diversi talbiet li kien hemm. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

f. **Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress**

**02.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 001/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier S Caruana ssekondata mill-Kunsillier A Dalli għall-ammont totali ta' €50,536.86 u ġiet approvata nem con.

**02.11 Tmiem tal-Laqgħa**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgħa u għoxrin ta` filgħaxija (7:20pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar it-Tlieta 6 ta' Awwissu fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 6 ta' Awwissu 2024

ffirmati [signature]
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati [signature]
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv